## Parlament Ewropew

2019-2024

---

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*
*Il-President*

---

27.6.2023

Is-Sur Juan Fernando LÓPEZ AGUILAR
President
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
BRUSSELL

Is-Sur Mr Robert BIEDROŃ
President
Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-bażi ġuridika tal-proposta għal direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. (COM(2022)0105 – C9-0058/2022 – 2022/0066(COD))

Sinjuri Presidenti,

Bl-ittra tat-3 ta' Mejju 2023[1], il-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) u l-President tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (FEMM) talbu lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali (JURI), biex, skont l-Artikolu 40 (2) tar-Regoli ta' Proċedura, jipprovdu opinjoni dwar l-adegwatezza li l-Artikolu 83(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jiżdied bħala bażi ġuridika għall-proposta għal Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (2022/0066 (COD))[2] (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva proposta").

Il-Kumitat JURI eżamina l-kwistjoni msemmija hawn fuq waqt il-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2023.

**I - Sfond**

Il-kumitati LIBE u FEMM qed jaħdmu b'mod konġunt skont l-Artikolu 58 tar-Regoli ta'

---

[1] D(2023)16808.
[2] COM(2022) 105 tat-8.3.2022.


Magħquda fid-diversità

Proċedura dwar id-Direttiva proposta.

Il-proposta tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq l-Artikolu 82(2) u l-Artikolu 83(1)(c) tat-TFUE.

Il-korapporteurs ipproponew li l-Artikolu 83(2) tat-TFUE jiżdied bħala bażi ġuridika addizzjonali tad-Direttiva proposta, fir-rigward ta' dispożizzjoni ġdida dwar reati li jikkonċernaw il-fastidju sesswali fid-dinja tax-xogħol, li jixtiequ jżidu fid-Direttiva proposta. Ix-shadow rapporteurs kif ukoll il-koordinaturi tal-Kumitati FEMM u LIBE qablu li jitolbu l-opinjoni tal-Kumitat JURI dwar l-adegwatezza tal-bażi ġuridika l-ġdida proposta, skont l-Artikolu 40 tar-Regoli ta' Proċedura.

**II - L-Artikoli tat-Trattat rilevanti**

Il-Kapitolu 4 ("Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali") tat-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE jgħid, fost l-oħrajn (enfasi miżjuda):

*Artikolu 82*
*(ex Artikolu 31 tat-TUE)*

1. *Il-koperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali fl-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji u għandha tinkludi l-approssimazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti ta' l-Istati Membri fl-oqsma previsti fil-paragrafu 2 u fl-Artikolu 83.*

   *Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skond il-proċedura leġislattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-miżuri li:*

   *(a) jistabbilixxu regoli u proċeduri sabiex jassiguraw ir-rikonoxximent fl-Unjoni kollha tal-forom kollha ta' sentenzi u deċiżjonijiet ġudizzjarji;*

   *(b) jipprevjenu u jsolvu konflitti ta' ġurisdizzjoni bejn l-Istati Membri;*

   *(c) jappoġġaw it-taħriġ tal-ġudikatura u l-persunal ġudizzjarju;*

   *(d) jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji jew ekwivalenti tal-Istati Membri fir-rigward ta' proċedimenti f'materji kriminali u l-infurzar tad-deċiżjonijiet.*

2. ***Fejn ikun meħtieġ sabiex jiġi faċilitat ir-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi u d-deċiżjonijiet ġudizzjarji, kif ukoll il-koperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali ta' natura transkonfinali, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' direttivi skond il-proċedura leġislattiva ordinarja, jistgħu jistabbilixxu regoli minimi. Dawn ir-regoli għandhom jieħdu kont tad-differenzi bejn it-tradizzjonijiet u s-sistemi legali tal-Istati Membri.***

   ***Dawn għandhom jikkonċernaw:***

   ***(a) l-ammissibbiltà reċiproka tal-provi bejn l-Istati Membri;***

***(b) id-drittijiet ta' l-individwi fil-proċedura kriminali;***

***(c) id-drittijiet ta' vittmi tal-kriminalità;***

***(d) aspetti speċifiċi oħra tal-proċedura kriminali li l-Kunsill ikun identifika minn qabel b'deċiżjoni; għall-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.***

***L-adozzjoni tar-regoli minimi previsti f'dan il-paragrafu m'għandhiex iżomm lill-Istati Membri milli jżommu fis-seħħ jew idaħħlu livell ogħla ta' protezzjoni għall-individwi.***

*3. Fejn membru tal-Kunsill jikkunsidra li abbozz ta' direttiva kif previst fil-paragrafu 2 jkun ta' ħsara għal aspetti fundamentali tas-sistema tal-ġustizzja kriminali tiegħu, jista' jitlob li l-abbozz tad-direttiva jitressaq quddiem il-Kunsill Ewropew. F'dan il-każ, il-proċedura leġislattiva ordinarja għandha tiġi sospiża. Wara diskussjoni, u fil-każ ta' konsensus, il-Kunsill Ewropew għandu, fi żmien erba' xhur minn din is-sospensjoni, jirriferi l-abbozz lura lill-Kunsill, li għandu jtemm is-sospensjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.*

*Fl-istess perijodu ta' żmien, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, u jekk mill-inqas disa' Stati Membri jixtiequ jistabbilixxu koperazzjoni msaħħa abbażi tal-abbozz tad-direttiva konċernata, huma għandhom jinnotifikaw b'dan lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. F'dan il-każ, l-awtorizzazzjoni sabiex jipproċedu bil-koperazzjoni msaħħa prevista fl-Artikolu 20(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 329(1) ta' dan it-Trattat għandha titqies li ngħatat u għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar il-koperazzjoni msaħħa.*

*Artikolu 83*
*(ex Artikolu 31 tat-TUE)*

***1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu, permezz ta' direttivi adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jistabbilixxu regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fl-oqsma tal-kriminalità partikolarment gravi b'dimensjoni transfruntiera li jirriżultaw min-natura jew l-impatt ta' dawn ir-reati jew minn ħtieġa partikolari li jiġu miġġielda fuq bażi komuni.***

***Dawn l-oqsma ta' kriminalità huma dawn li ġejjin: it-terroriżmu, it-traffikar tal-bnedmin u l-isfruttament sesswali tan-nisa u t-tfal, it-traffikar illeċitu tad-droga, it-traffiku illeċitu ta' armi, il-ħasil tal-flus, il-korruzzjoni, il-falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas, il-kriminalità tal-informatika u l-kriminalità organizzata.***

***Abbażi tal-iżviluppi fil-kriminalità, il-Kunsill jista' jadotta deċiżjoni li tidentifika oqsma oħra ta' kriminalità li jissodisfaw il-kriterji speċifkati f'dan il-paragrafu. Huwa għandu jaġixxi b'mod unanimu wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew.***

***2. Jekk l-approssimazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri f'materji kriminali tkun indispensabbli sabiex tiġi assigurata l-implimentazzjoni effiċjenti ta' politika tal-Unjoni f'qasam li kien suġġett għall-miżuri ta' armonizzazzjoni, jistgħu***

***jsiru direttivi li jistabbilixxu r-regoli minimi fir-rigward tad-definizzjoni ta' reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam ikkonċernat. Dawn id-direttivi għandhom jiġu adottati skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja jew speċjali bħal dik użata għall-adozzjoni tal-miżuri ta' armonizzazzjoni in kwistjoni, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 76.***

3. *Fejn membru tal-Kunsill jikkunsidra li abbozz ta' direttiva kif previst fil-paragrafu 1 jew 2 jolqot xi aspetti fundamentali tas-sistema tal-ġustizzja kriminali tiegħu, jista' jitlob li l-abbozz ta' direttiva jitressaq quddiem il-Kunsill Ewropew. F'dan il-każ, il-proċedura leġislattiva ordinarja għandha tiġi sospiża. Wara diskussjoni, u fil-każ ta' konsensus, il-Kunsill Ewropew għandu, fi żmien erba' xhur minn din is-sospensjoni, jirriferi l-abbozz lura lill-Kunsill, li għandu jtemm is-sospensjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.*

   *Fl-istess perijodu ta' żmien, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil, u jekk mill-inqas disa' Stati Membri jixtiequ jistabbilixxu koperazzjoni msaħħa abbażi tal-abbozz tad-direttiva konċernata, huma għandhom jinnotifikaw b'dan lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. F'dan il-każ, l-awtorizzazzjoni sabiex jipproċedu bil-koperazzjoni msaħħa prevista fl-Artikolu 20(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 329(1) ta' dan it-Trattat għandha titqies li ngħatat u għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar il-koperazzjoni msaħħa.*

## III – Il-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar l-għażla tal-bażi ġuridika

Il-Qorti tal-Ġustizzja tradizzjonalment ikkunsidrat il-kwistjoni tal-bażi ġuridika adegwata bħala kwistjoni ta' importanza kostituzzjonali, li tiggarantixxi l-osservanza tal-prinċipju tas-setgħat konferiti (l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) u tiddetermina n-natura u l-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-Unjoni[3].

Skont ġurisprudenza stabbilita sew, il-bażi ġuridika ta' att tal-Unjoni ma tiddependix mill-konvinzjoni ta' istituzzjoni rigward l-objettiv segwit, iżda għandha tiġi ddeterminata skont kriterji oġġettivi li jistgħu jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju, inkluż b'mod partikolari l-għan u l-kontenut tal-miżura[4].

Jekk l-eżami ta' miżura juri li din għandha fini doppju jew li għandha komponent doppju, u jekk wieħed minn dawk jiġi identifikat bħala l-fini jew il-komponent prinċipali jew predominanti, waqt li l-ieħor huwa biss inċidentali, dik il-miżura trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-fini jew il-komponent prinċipali jew predominanti[5]. F'każ eċċezzjonali biss, jekk ikun stabbilit li l-att isegwi b'mod simultanju għadd ta' objettivi, marbutin b'mod li ma jistax jinfired, mingħajr ma wieħed ikun sekondarju jew indirett fir-rigward tal-ieħor, li tali att jista' jkun ibbażat fuq id-diversi bażijiet ġuridiċi korrispondenti[6]. Madankollu, dan ikun possibbli biss jekk il-proċeduri stabbiliti għall-bażijiet

[3] *Opinjoni 2/00* ("*Protokoll ta' Cartagena*"), ECLI:EU:C:2001:664, par.5.
[4] Kawża C-300/89, *il-Kummissjoni vs il-Kunsill* ("*Diossidu tat-titanju*"), ECLI:EU:C:1991:244, il-paragrafu 10.
[5] Ibid. il-paragrafu 30 u l-Kawża C-137/12, *il-Kummissjoni vs il-Kunsill*, ECLI:EU:C:2013:675, il-paragrafu 53 u l-ġurisprudenza ċitata.
[6] Il-Kawża C-300/89, il-paragrafi 13 u 17; Il-Kawża C-42/97, Il-Parlament vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:1999:81,

ġuridiċi rispettivi ma jkunux inkompatibbli u ma jdgħajfux id-dritt tal-Parlament Ewropew[7].

**IV - L-għan u l-kontenut tad-Direttiva proposta**

Id-Direttiva proposta għandha l-għan li tiġġieled b'mod effettiv il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika madwar l-Unjoni. Hija tindirizza oqsma differenti: il-kriminalizzazzjoni u s-sanzjonijiet għal reati rilevanti; il-protezzjoni tal-vittmi u l-aċċess għall-ġustizzja; l-appoġġ għall-vittmi; il-prevenzjoni; il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni.

Id-Direttiva proposta tuża tliet mezzi differenti biex tikseb il-missjoni tagħha: (1) tagħmel l-istrumenti legali attwali tal-Unjoni rilevanti għall-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika aktar effettivi; (2) toħloq konverġenza 'il fuq u timla l-lakuni fil-protezzjoni, fl-aċċess għall-ġustizzja, fl-appoġġ, fil-prevenzjoni u fil-koordinazzjoni u fil-kooperazzjoni; u (3)·tallinja d-dritt tal-UE ma' standards internazzjonali stabbiliti. Barra minn hekk, il-proposta tqis il-fenomeni reċenti tal-vjolenza ċibernetika kontra n-nisa.

Bħalissa, l-ebda biċċa leġiżlazzjoni speċifika tal-Unjoni ma tindirizza b'mod komprensiv il-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika, u d-Direttiva proposta tkun l-ewwel tali att. Il-miżuri mmirati proposti dwar ir-reati kriminali u d-drittijiet tal-vittmi jistabbilixxu regoli minimi li jippermettu lill-Istati Membri jistabbilixxu standards ogħla u jħallu l-flessibbiltà għall-Istati Membri sabiex iqisu sitwazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. B'mod partikolari, id-Direttiva proposta tipprevedi, fost l-oħrajn, li jiġi kkriminalizzati ċerti forom ta' vjolenza li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lin-nisa u li ma humiex indirizzati b'mod suffiċjenti fil-livell nazzjonali, u li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni, abbażi ta' bażijiet ġuridiċi eżistenti.

F'dan l-isfond tal-proposta oriġinali, il-Kumitati LIBE u FEMM qed jipproponu li jiddaħħal Artikolu 6d ġdid li speċifikament jikkriminalizza l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol: "*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-involviment intenzjonat, fuq ix-xogħol jew fil-kuntest tal-aċċess għall-impjieg, l-impjieg indipendenti, it-taħriġ vokazzjonali jew il-promozzjoni, f'imġiba serja mhux mixtieqa ta' natura sesswali, bil-għan jew bl-effett li tinkiser id-dinjità ta' persuna oħra, ikun punibbli bħala reat kriminali.*"

Dan jidher li huwa ispirat mill-hekk imsejħa "direttivi dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi" (id-Direttiva 2004/113/KE[8] u d-Direttiva 2006/54/KE[9]). Dawk id-direttivi jiddefinixxu l-fastidju sesswali f'termini simili għal dak propost mill-Kumitati LIBE u FEMM u jipprojbixxuh bħala diskriminazzjoni.

Il-Kummissjoni ma pproponietx il-kriminalizzazzjoni tal-fastidju sesswali fuq il-post tax-

---

paragrafu 38; l-*Opinjoni 2/00*, paragrafu 23; Il-Kawża C-94/03, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill ("Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam"), ECLI:EU:C:2006:2* u l-Kawża C-178/03, *il-Kummissjoni vs il-Parlament u l-Kunsill*, ECLI:EU:C:2006:4, paragrafi 36 u 43.

[7] Il-Kawża C-300/89, il-paragrafi 17 sa 25; Il-Kawża C-268/94 *Il-Portugall vs Il-Kunsill*, ECLI:EU:C:1996:461.

[8] Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi (ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37).

[9] Id-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23).

xogħol, filwaqt li qieset, fil-Premessa 4, li "*d-Direttiva* [proposta] *tapplika għal imġiba kriminali li tammonta għal vjolenza kontra n-nisa jew vjolenza domestika, kif kriminalizzata skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali. Din tinkludi r-reati kriminali definiti f'din id-Direttiva,* [...] *u l-imġiba kriminali koperta minn strumenti oħra tal-Unjoni* [...]. *Fl-aħħar nett, ċerti reati kriminali skont il-liġi nazzjonali jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' vjolenza kontra n-nisa.* Dan jinkludi reati bħall- [...] *il-fastidju sesswali* [...]". Fil-punt 2 tal-memorandum ta' spjegazzjoni tad-Direttiva proposta, taħt "Bażi ġuridika", l-għażla tal-Artikolu 83(1) tat-TFUE bħala bażi ġuridika hija spjegata kif ġej: "*It-terminu "sfruttament sesswali" fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE jista' jinftiehem bħala kwalunkwe abbuż effettiv jew tentattiv minn pożizzjoni ta' vulnerabbiltà, poter jew fiduċja differenzjali, inkluż, iżda mhux limitat għal, profitt monetarju, soċjali jew politiku minn att sesswali ma' persuna oħra. L-element ta' sfruttament jista' jirreferi għall-kisba ta' setgħa jew ta' dominanza fuq persuna oħra għall-finijiet ta' gratifikazzjoni sesswali, ta' gwadann finanzjarju u/jew ta' avvanz.*"

**<u>V – Analiżi</u>**

Il-kwistjoni, essenzjalment, hija jekk iż-żieda tal-Artikolu 6d ġdid teħtieġx bażi ġuridika addizzjonali għad-Direttiva proposta jew jekk hijiex (i) diġà koperta mill-Artikolu 83(1) tat-TFUE, u (ii) jekk hijiex biss inċidentali.

Il-kampijiet ta' applikazzjoni taż-żewġ bażijiet ġuridiċi fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 83 tat-TFUE huma ovvjament differenti. Il-paragrafu 1 iservi bħala l-bażi għal miżuri tal-liġi kriminali fl-oqsma espressament elenkati fit-tieni subparagrafu tiegħu li jinkludu, inter alia, l-isfruttament sesswali tan-nisa.

L-Artikolu 83(2), min-naħa l-oħra, jippermetti l-kriminalizzazzjoni u s-sanzjonar ta' tipi oħra ta' reati sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti tal-politiki armonizzati tal-Unjoni, anke permezz tal-liġi kriminali.

Konsegwentement, l-Artikolu 83(1) tat-TFUE jidher li huwa l-bażi ġuridika xierqa għall-miżuri tal-liġi kriminali li jikkonċernaw reati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni espliċitu tiegħu. Fir-rigward ta' dawk il-miżuri, għalhekk mhuwiex meħtieġ li jiġi vverifikat li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 83(2) ikunu ssodisfati.

Il-fastidju sesswali fid-dinja tax-xogħol fl-Artikolu 6(d) issuġġerit, u moqri flimkien mad-definizzjoni fl-Artikolu 4, il-punt (g), tad-Direttiva proposta, huwa "*kwalunkwe forma ta' mġiba verbali, mhux verbali jew fiżika mhux mixtieqa ta' natura sesswali, fejn iseħħ matul, b'rabta ma', jew li tirriżulta minn kwistjonijiet ta' impjieg, okkupazzjoni u impjieg indipendenti, bl-għan jew bl-effett ta' vjolazzjoni tad-dinjità tal-vittma, b'mod partikolari meta jinħoloq ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv*". Sabiex l-imġiba tkun punibbli, din trid tkun ta' natura sesswali.

Minn dan isegwi li l-imġiba kif propost fl-Artikolu 6d mill-Kumitati LIBE u FEMM taqbel mad-definizzjoni ta' sfruttament sesswali fil-proposta tal-Kummissjoni, jiġifieri "*kwalunkwe abbuż effettiv jew tentattiv minn pożizzjoni ta' vulnerabbiltà, poter jew fiduċja differenzjali, inkluż, iżda mhux limitat għal, profitt monetarju, soċjali jew politiku minn att sesswali ma' persuna oħra*".

L-imġiba msemmija fl-Artikolu 6b għalhekk taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-

Artikolu 83(1) tat-TFUE, waħda mill-bażijiet ġuridiċi diġà magħżula mill-Kummissjoni għad-Direttiva proposta.

Minn dak li ntqal hawn fuq jirriżulta li l-Artikolu 83(2) tat-TFUE ma għandux jiżdied bħala bażi ġuridika u li l-eżami tat-tieni domanda, jekk il-komponent huwiex biss inċidentali fir-rigward tal-għan prinċipali u predominanti, ma jidhirx li huwa meħtieġ.

**VI – Konklużjoni u rakkomandazzjoni**

Matul il-laqgħa tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2021, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali ddeċieda, b'14-il vot favur, 4 voti kontra u l-ebda astensjoni[10], li jirrakkomanda lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi li ma jżidux l-Artikolu 83(2) tat-TFUE bħala bażi ġuridika għad-Direttiva proposta.

Dejjem tiegħek,

Adrián Vázquez Lázara

[10] Kienu preżenti għall-votazzjoni finali dawn li ġejjin: Adrián Vázquez Lázara (President), Sergey Lagodinsky (Viċi President), Marion Walsmann (Viċi President), Lara Wolters (Viċi President), Raffaele Stancanelli (Viċi President), François Alfonsi (għal Marie Toussaint skont l-Artikolu 209(7)), Pascal Arimont, Isabel Carvalhais (għal Maria Manuel Leitão Marques skont l-Artikolu 209(7)), Ilana Cicurel, Angel Dzhambazki, Andrzej Halicki, Pierre Karleskind, Gilles Lebreton, Karen Melchior, Luděk Niedermayer (għal Jiří Pospíšil skont ir-Regola 209(7)), Emil Radev, René Repasi, Javier Zarzalejos.